KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fl-1 ta' Ottubru 2020[1]

**Kawża C-507/19**

**Bundesrepublik Deutschland**
**vs**
**XT**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' sigurtà, libertà u ġustizzja – Politika tal-ażil – Palestinjan mingħajr Stat – Waqfien tal-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA – Kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat *ipso facto*"

1. Permezz ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċċara ċerti aspetti tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95/UE[2]. Il-kawża tirrigwarda jekk refuġjat tal-Palestina għandux ikun ikkwalifikat bħala li huwa "eskluż milli jkun refuġjat" jew "*ipso facto*" għandux dak l-istatus skont l-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95 u b'mod iktar speċifiku x'importanza kellha għal din il-kwalifika l-bidla fir-residenza tal-applikant bejn żewġ "żoni ta' operazzjoni" tal-UNRWA qabel il-vjaġġ tiegħu lejn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. B'mod speċifiku, l-applikant kien inizjalment jirrisjedi fis-Sirja, sussegwentement huwa mar il-Libanu għal perijodu estiż ta' żmien, u mbagħad irritorna s-Sirja għal perijodu qasir ħafna ta' żmien qabel ma vvjaġġa lejn il-Ġermanja bl-art. Il-qorti tar-rinviju tfittex gwida dwar iż-żona ġeografika li għandha tieħu inkunsiderazzjoni meta tevalwa l-istatus tal-applikant skont l-Artikolu 12(1)(a) ta' dik id-direttiva.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt internazzjonali*

#### *1. Il-Konvenzjoni ta' Genève*

2. Il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954)), daħlet fis-seħħ fit-22 ta' April 1954. Hija ġiet ikkompletata mill-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati, konkluż fi New York, fil-31 ta' Jannar 1967, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 1967 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Genève").

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

3. L-Artikolu 1, Taqsima A, tal-Konvenzjoni ta' Genève jiddefinixxi, fost l-oħrajn, il-kelma "refuġjat" għall-finijiet ta' dak l-att, u l-Artikolu 1, Taqsima D, jiddikjara:

"Din il-Konvenzjoni ma għandhiex tapplika għal persuni li attwalment igawdu minn protezzjoni jew assistenza minn organu jew istituzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti oħra minbarra l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati.

Meta din il-protezzjoni jew assistenza tieqaf għal kwalunkwe raġuni, mingħajr ma l-pożizzjoni ta' dawn il-persuni tkun ġiet deċiża definittivament, konformement mar-riżoluzzjonijiet relatati adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, dawn il-persuni għandhom jibbenefikaw mid-drittijiet kollha li jirriżultaw minn din il-Konvenzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

*2. L-UNRWA*

4. Ir-Riżoluzzjoni Nru 302(IV) tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-8 ta' Diċembru 1949 dwar l-assistenza għar-refuġjati tal-Palestina waqqfet l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (United Nations Relief and Works Agency for Palestine Refugees in the Near East, iktar 'il quddiem l-"UNRWA"). Il-mandat ta' din l-aġenzija ġie mġedded regolarment u l-mandat kurrenti jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2023[3]. Il-kompitu tagħha huwa li sservi l-benesseri u l-iżvilupp uman tar-refuġjati tal-Palestina.

*3. L-UNHCR*

5. L-Uffiċju tal-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati (iktar 'il quddiem l-"UNHCR") inħoloq fl-14 ta' Diċembru 1950 permezz ta' Riżoluzzjoni Nru 428 (V) tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. L-UNHCR huwa organu sussidjarju tan-Nazzjonijiet Uniti skont l-Artikolu 22 tal-Karta tan-NU.

***B. Id-dritt tal-Unjoni***

*1. Id-Direttiva 2011/95*

6. Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar livelli għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni nazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija fasslet mill-ġdid u ħassret id-Direttiva 2004/83/KE[4] fl-interess taċ-ċarezza peress li sar numru ta' bidliet sostantivi għal dik id-direttiva. Madankollu l-Artikolu 12(1)(a) ma nbidilx.

7. Il-premessa 4 tad-Direttiva 2011/95 tiddikjara li l-Konvenzjoni ta' Genève u l-Protokoll jipprevedu l-pedament tar-reġim legali internazzjonali għall-protezzjoni tar-refuġjati. Il-kliem tal-premessa 4 ta' dik id-direttiva huwa identiku għall-kliem tal-premessa 3 tad-Direttiva 2004/83.

3 Ara r-riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-13 ta' Diċembru 2019, A/RES/74/83.

4 Direttiva tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96).

8. Il-premessa 12 tad-Direttiva 2011/95 tiddikjara li l-għan ewlieni ta' din id-direttiva huwa, minn naħa waħda, li jiżgura li l-Istati Membri japplikaw kriterji komuni għall-identifikazzjoni ta' persuni ġenwinament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, u, min-naħa l-oħra, sabiex jiżgura li livell minimu ta' benefiċċju jkun disponibbli għal dawk il-persuni fl-Istati Membri kollha. Il-premessa 6 tad-Direttiva 2004/83 għandha kliem identiku.

9. Il-premessi 22 sa 24 tad-Direttiva 2011/95 jiddikjaraw kif ġej:

"(22) Konsultazzjonijiet mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għal Refuġjati jistgħu jipprovdu gwida ta' valur għall-Istati Membri meta jistabbilixxu status ta' refuġjat skont l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

(23) Standards għad-definizzjoni u l-kontenut tal-istatus ta' refuġjat għandhom jiġu stabbiliti sabiex iservu ta' gwida lill-korpi nazzjonali tal-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

(24) Hu meħtieġ li jiġu introdotti kriterji komuni sabiex jiġu rikonoxxuti applikanti għall-ażil bħala refuġjati skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra."

10. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2011/95, intitolat "Skop", jipprevedi:

"L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tippreskrivi standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għal refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal ptotezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija."

11. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/95, intitolat "Definizzjonijiet", huwa redatt kif ġej:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'protezzjoni internazzjonali' tfisser l-istatus ta' refuġjat u ta' protezzjoni sussidjarja kif definit f'punti (e) u (g);

(b) 'benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali' tfisser persuna li ngħatat status ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja kif definit f'punti (e) u (g);

(c) 'Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra' tfisser il-Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju 1951 relatata mal-Istatus tar-Refuġjati magħmula f'Ġinevra, kif emendata bill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967;

(d) 'refuġjat' ifisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' ġustifikat li jiġi persegwitat għar-raġunijiet ta' razziżmu, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija ta' grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalità u ma jistax, jew minħabba dan il-biża', ma jixtieqx japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuna mingħajr stat, li, minħabba li qiegħda barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali ta' qabel għall-istess raġunijiet kif imsemmija hawn fuq, ma tistax jew, minħabba f'dan il-biża', ma tixtieqx tirritorna lejha, u li lArtikolu 12 ma japplikax għaliha;

(e) 'status ta' refuġjat' ifisser ir-rikonoxximent minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat bħala refuġjat;

(f) 'persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja' tfisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li ma tikkwalifikax bħala refuġjat imma rigward min intwerew raġunijiet sostanzjali sabiex jitwemmen li l-persuna interessata, jekk tirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha, jew fil-każ

ta' persuna mingħajr stat, lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel tagħha, tiffaċċja riskju veru li ssofri dannu serju kif definit fl-Artikolu 15, u li għaliha l-Artikolu 17(1) u (2) ma japplikax, u ma tistax, jew, minħabba f'dan ir-riskju, ma tixtieqx tapprofitta ruħha mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż;

(g) 'status ta' protezzjoni sussidjarja' ifisser ir-rikonoxximent minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja;

(h) 'applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali' tfisser talba magħmula minn ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għal protezzjoni minn Stat Membru, li tista' tinftiehem li tfittex status ta' refuġjat jew stat ta' protezzjoni sussidjarja, u li ma titlobx espliċitament tip ieħor ta' protezzjoni, barra mill-iskop ta' din id-Direttiva, li tista' ssir applikazzjoni separata għaliha;

(i) 'applikant' ifisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li għamel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha għadha ma ttieħditx deċiżjoni finali;

[…]

(n) 'pajjiż ta' oriġini' ifisser il-pajjiż jew pajjiżi ta' nazzjonalità jew, għal persuni mingħajr stat, ta' residenza abitwali ta' qabel."

12. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/95, bit-titolu "Ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali li jinħolqu sur place [fuq il-post]", jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li applikant li jiddepożita applikazzjoni sussegwenti normalment m'għandux jingħata status ta' refuġjat jekk ir-riskju ta' persekuzzjoni jkun ibbażat fuq ċirkostanzi li l-applikant ikun ħoloq bid-deċiżjoni tiegħu stess minn meta jkun telaq mill-pajjiż ta' oriġini."

13. L-Artikolu 11, intitolat "Terminazzjoni", jipprevedi kif ġej:

"1. Ċittadin nazzjonali […] mingħajr stat għandha tieqaf milli jkun refuġjat, jekk hija:

[…]

(f) […] hija tista', minħabba li ċ-ċirkostanzi li bihom hija ġiet rikonoxxuta bħala refuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, tirritorna lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.

2. Fil-kunsiderazzjoni tal-[punt (f)] tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom iqisu jekk il-bdil fiċ-ċirkostanzi huwiex ta' natura sinifikanti u mhux temporanja li l-biża' tar-refuġjat minn persekuzzjoni ma jistax jibqa' jitqies bħala ġustifikat.

3. Il-[punt (f)] tal-paragrafu 1 m'għand[ux] japplika[…] għal refuġjat li jistà jinvoka raġunijiet b'saħħithom li joħorġu minn persekuzzjoni preċedenti talli rrifjuta li juża l-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, minħabba li kien persuna mingħajr stat, tal-pajjiz tar-residenza abitwali ta' qabel."

14. L-Artikolu 12, intitolat "Esklużjoni", jipprevedi:

"1. Persuna […] mingħajr stat għandha tiġi eskluża milli tkun refuġjat, jekk:

a) hija taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 [Taqsima D] tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, li tirrigwarda l-protezzjoni jew l-għajnuna minn organi jew aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti apparti l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati. Meta din il-protezzjoni jew għajnuna tkun waqfet għal xi raġuni, mingħajr ma l-pożizzjoni ta' dawn il-persuni tkun miftiehma

definittivament bi qbil mar-riżoluzzjonijiet rilevanti adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, dawk il-persuni għandhom ipso facto jkunu intitolati għall-benefiċċji ta' din id-Direttiva;

[…]"

15. L-Artikolu 14, intitolat "Revoka ta', tmiem ta' jew ċaħda għat-tiġdid ta' status ta' refuġjat", għandu l-kliem kif ġej:

"1. […] l-Istati Membri għandhom jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus ta' […] persuna mingħajr stat mogħti minn korp governattiv, amministrattiv, ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju jekk hija tkun waqfet milli tkun refuġjat bi qbil mal-Artikolu 11.

[…]

3. L-Istati Membri għandhom jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus ta' […] persuna mingħajr stat jekk, wara li hija tkun ingħatat status ta' refuġjat, jiġi stabbilit mill-Istat Membru interessat li:

(a) hija kellha tkun jew hija eskluża milli tkun refuġjat bi qbil mal-Artikolu 12;

[…]"

## II. It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16. Skont id-digriet tar-rinviju, XT (iktar 'il quddiem, ukoll, l-"applikant") huwa persuna mingħajr Stat ta' oriġini Palestinjana, li twieled fl-1991 f'Damasku, is-Sirja. Huwa rreġistrat mal-UNRWA bħala refuġjat tal-Palestina fil-kamp ta' Yarmouk, fin-nofsinhar ta' Damasku.

17. Minn punt ta' żmien mhux speċifikat f'Ottubru 2013 sal-20 ta' Novembru 2015, huwa kien jinsab fil-Libanu fejn ħa impjieg temporanju jew wettaq xogħlijiet varji. Ma huwiex ċar mid-digriet tar-rinviju jekk talabx u/jew irċeviex xi assistenza tanġibbli mill-UNRWA matul dan il-perijodu.

18. XT imbagħad telaq mil-Libanu u baqa' sejjer Qudsaya, is-Sirja, fejn qagħad għal żmien qasir ma' membri tal-familja tiegħu. Xi jiem wara, huwa telaq mis-Sirja u vvjaġġa lejn il-Ġermanja fuq l-art. It-tul eżatt taż-żjara tiegħu fis-Sirja ma huwiex ċar mill-proċess, iżda skont is-sottomissjonijiet tal-Bundesamt für Migration und Flüchtlinge (l-Uffiċċju Federali għall-Migrazzjoni u r-Refuġjati, il-Ġermanja), huwa telaq mil-Libanu "fl-aħħar ta' Novembru". B'hekk, l-iktar l-iktar, seta' baqa' fis-Sirja għal għaxart ijiem qabel ma vvjaġġa lejn il-Ġermanja. Skont id-digriet tar-rinviju, fiż-żmien li XT telaq mis-Sirja, il-Ġordan u l-Libanu kienu diġà għalqu l-fruntiera tagħhom għal refuġjati Palestinjani ġejjin mis-Sirja.

19. Minħabba ċ-ċirkustanzi ta' gwerra u kunflitt fis-Sirja, l-UNRWA tidher li kienet limitata ħafna fil-kapaċità tagħha li tipprovdi protezzjoni u assistenza fiż-żona ta' operazzjoni tas-Sirja [5] fiż-żmien li fih XT telaq minn dak il-pajjiż [6]. Madankollu, l-aġenzija, skont id-dikjarazzjonijiet tagħha stess, kompliet tipprovdi assistenza fiż-żona ta' operazzjoni tas-Sirja u "żammet is-servizzi appoġġjati mill-baġit tal-programm tagħha fis-saħħa, l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, il-mikrofinanzjament, l-għajnuna għaż-żgħażagħ u s-servizzi soċjali" minkejja l-isfidi kumplessi, filwaqt li adattathom għaċ-ċirkustanzi limitati ta' kunflitt armat [7].

20. XT wasal il-Ġermanja f'Diċembru 2015 u applika għall-ażil fi Frar 2016. Huwa ngħata protezzjoni sussidjarja mill-Uffiċċju Federali għall-Migrazzjoni u r-Refuġjati permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Awwissu 2016, iżda l-istatus ta' refuġjat ġie miċħud lilu. Permezz ta' sentenza tal-24 ta' Novembru 2016, il-Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva, il-Ġermanja) laqgħet l-appell tiegħu u ordnat li għandu jingħata l-istatus ta' refuġjat.

21. Wara appell, l-Oberverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Għolja, il-Ġermanja) ċaħdet l-appell imressaq mill-Bundesrepublik Deutschland (Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja) kontra d-deċiżjoni tal-Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva), fejn iddeċidiet, sostantivament, li XT bħala Palestinjan mingħajr Stat kien refuġjat fis-sens tad-dispożizzjonijiet legali li ttrasponew l-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95 fid-dritt Ġermaniż. Skont l-Oberverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Għolja), XT kien irċieva protezzjoni mill-UNRWA u dik il-protezzjoni kienet waqfet għal raġunijiet indipendenti mill-volontà tiegħu. L-Oberverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Għolja) iddeċidiet li s-sigurtà personali tiegħu kienet f'riskju serju meta telaq mis-Sirja u li ma kellux aċċess għal protezzjoni mill-UNRWA f'settur ieħor ta' operazzjoni tal-aġenzija peress li l-Ġordan u l-Libanu kienu diġà għalqu l-fruntieri tagħhom għal refuġjati Palestinjani mis-Sirja. Hija ddeċidiet li t-tluq tiegħu kien sfurzat minħabba ċirkustanzi indipendenti mill-volontà tiegħu u ma setax jiġi kkunsidrat bħala volontarju. Hija ddeċidiet li dan ġie kkonfermat mill-fatt li huwa ngħata protezzjoni sussidjarja [8].

22. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreżenta appell fuq punt ta' liġi (Reviżjoni) quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Federali Amministrattiva, il-Ġermanja).

23. Dik il-qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk, fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95/UE, ntemmetx il-protezzjoni jew l-assistenza tal-UNRWA lil Palestinjan apolidi [mingħajr Stat], għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, minn perspettiva ġeografika, biss iż-żona ta' operazzjoni kkonċernata (Strixxa ta' Gaza, il-Ġordan,

5 L-UNRWA b'mod regolari tirreferi għax-Xatt tal-Punent, l-Istrixxa ta' Gaża, is-Sirja, il-Libanu u l-Ġordan bħala "żona ta' operazzjoni" ("field of operation") u għall-ħames żoni kollha flimkien bħala "s-settur ta' operazzjoni" ("area of operation") tagħha. Din it-terminoloġija ġiet użata wkoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja; ara s-sentenzi tas-17 ta' Ġunju 2010, Bolbol (C-31/09, EU:C:2010:351, punt 7); tad-19 ta' Diċembru 2012, Abed El Karem El Kott *et* (C-364/11, EU:C:2012:826, punt 7); u tal-25 ta' Lulju 2018, Alheto (C-585/16, EU:C:2018:584, punt 7); ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston f'Bolbol (C-31/09, EU:C:2010:119, punt 11 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 10) fejn irreferiet għall-Istruzzjonijiet Konsolidati ta' Eliġibbiltà u Reġistrazzjoni tal-UNRWA ("Consolidated Eligibility and Registration Instructions", iktar 'il quddiem iċ-"CERI"), punt VII.E.

6 Ir-rapport operattiv annwali tal-2015, p. 1 tal-UNRWA, "Executive summary" ("Sommarju eżekuttiv"), jgħid li kienu biss 44 skola tal-UNRWA minn 118 li komplew joperaw (għalkemm ikkumplimentati minn 55 skola ta' waranofsinhar), li 15 mit-23 ċentru tas-saħħa tal-aġenzija baqgħu miftuħa, u tlieta biss minn sitt fażijiet ta' għajnuna fi flus kienu ġew mogħtija minħabba nuqqas ta' finanzjament.

7 Bħalissa, is-sit tal-internet tal-UNRWA, taħt l-intestatura "What we do – Emergency Response" ("Dak li aħna nagħmlu – Intervent ta' urġenza"), jiddikjara li "l-kunflitt li għaddej bħalissa fis-Sirja sar wieħed mill-iktar sfidi serji li l-UNRWA kellha taffaċċja fis-sitt deċennji li matulhom ħadmet mar-refuġjati tal-Palestina. Hekk kif għadha għaddejja l-vjolenza, l-impatt tagħha fuq ir-refuġjati tal-Palestina żdied, billi spustjat iktar minn 50 fil-mija tal-popolazzjoni rreġistrata tar-refuġjati, inklużi iktar minn 270,000 ġewwa s-Sirja nnifisha. Minkejja l-isfidi kunsiderevoli, l-Aġenzija qiegħda tkompli tipprovdi lir-refuġjati tal-Palestina fis-Sirja u dawk li ħarbu lejn pajjiżi ġirien fi ħdan is-setturi ta' operazzjoni tal-UNRWA, inklużi l-Libanu u l-Ġordan, servizzi ta' għajnuna ta' emerġenza, saħħa, protezzjoni u edukazzjoni, flimkien ma' mikrofinanzjament kontinwu sabiex tikkonferma l-istrateġiji ta' għajnuna għall-mikroimprendituri. Ara, https://www.unrwa.org/what-we-do/emergency-response, l-aħħar li sar aċċess għalih (28 ta' Settembru 2020).

8 Punt 4 tad-digriet tar-rinviju.

il-Libanu, is-Sirja, ix-Xatt tal-Punent) li fih apolidi kellu r-residenza effettiva tiegħu (fil-każ ineżami: is-Sirja), jew anki ta' żoni ta' operazzjoni oħra li jaqgħu taħt it-territorju tal-mandat ta' UNRWA?

(2) Jekk, waqt it-tluq, ma tittiħidx inkunsiderazzjoni biss iż-żona ta' operazzjoni: għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, sistematikament u indipendentement minn kundizzjonijiet oħra, iż-żoni kollha ta' operazzjoni fit-territorju tal-mandat? Fin-negattiv: żoni ta' operazzjoni oħra għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biss jekk l-apolidi kellu konnessjoni (territorjali) sostanzjali ma' dik iż-żona ta' operazzjoni? Għal tali konnessjoni, hija neċessarja – waqt it-tluq jew preċedentement – residenza abitwali? Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi oħra meta tiġi eżaminata konnessjoni (territorjali) sostanzjali? Fl-affermattiv: liema ċirkustanzi? Huwa rilevanti jekk huwiex possibbli jew raġonevoli għal apolidi li jidħol fiż-żona ta' operazzjoni meta jitlaq mit-territorju tal-mandat ta' UNRWA?

(3) Apolidi li jitlaq mit-territorju tal-mandat tal-UNRWA peress li s-sigurtà personali tiegħu tkun f'riskju serju fit-territorju tal-mandat fejn tinsab ir-residenza effettiva tiegħu, u ma jkunx possibbli li l-UNRWA tipprovdilu protezzjoni jew assistenza hemmhekk, huwa *ipso facto* intitolat, fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95/UE, għall-protezzjoni tad-Direttiva anki jekk preċedentement ikun mar f'dan it-territorju tal-mandat mingħajr ma s-sigurtà personali tiegħu kienet f'riskju serju fit-territorju tal-mandat tar-residenza preċedenti tiegħu u mingħajr ma kellu aspettattiva, skont iċ-ċirkustanzi eżistenti dakinhar, għal protezzjoni jew assistenza mill-UNRWA fit-territorju tal-mandat il-ġdid u lanqas il-possibbiltà li jirritorna, f'qasir żmien, fit-territorju tal-mandat fejn kien jirrisjedi preċedentement?

(4) Għall-finijiet tal-kwistjoni dwar jekk apolidi għandux jingħata *ipso facto* l-istatus ta' refuġjat peress li l-kundizzjonijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95/UE ma baqgħux issodisfatti ladarba huwa telaq mit-territorju tal-mandat tal-UNRWA, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni biss it-territorju tal-mandat tal-aħħar residenza abitwali? Fin-negattiv: għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll, b'analoġija, żoni oħra li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni skont it-tieni domanda waqt it-tluq? Fin-negattiv: liema kriterji għandhom jintużaw sabiex jiġu ddeterminati ż-żoni li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-mument li tingħata d-deċiżjoni? Il-fatt li ma jibqgħux jeżistu l-kundizzjonijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95/UE jeżiġi li l-awtoritajiet (statali jew kważi-statali) jospitaw l-apolidi (mill-ġdid)?

(5) Fil-każ li, b'konnessjoni mal-eżistenza jew mat-tmiem tal-kundizzjonijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95/UE, huwa rilevanti t-territorju tal-mandat ta' (l-aħħar) residenza abitwali: liema kriterji huma deċiżivi sabiex tiġi stabbilta r-residenza abitwali? Residenza legali awtorizzata mill-pajjiż ta' residenza hija meħtieġa? Fin-negattiv: l-awtoritajiet kompetenti tat-territorju tal-mandat għandhom, minn tal-inqas, ikunu xjentement aċċettaw ir-residenza tal-apolidi inkwistjoni? Fl-affermattiv: l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikollhom għarfien tal-preżenza konkreta u individwali tal-apolidi inkwistjoni jew huwa biżżejjed li huma xjentement jaċċettaw ir-residenza tal-apolidi bħala membru ta' grupp ikbar ta' persuni? Fin-negattiv: hija suffiċjenti residenza effettiva għal perijodu relattivament twil?"

24. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew sottomessi mill-Gvernijiet tal-Ġermanja u tal-Belġju kif ukoll mill-Uffiċċju Federali għall-Migrazzjoni u r-Refuġjati, u mill-Kummissjoni Ewropea. Matul is-seduta, miżmuma fl-10 ta' Ġunju 2020, instemgħu s-sottomissjonijiet tal-Gvernijiet tal-Ġermanja u ta' Franza, u l-Kummissjoni.

## III. Analiżi

### *A. Rimarki preliminari*

25. Qabel ma neżamina d-domandi rrinvijati, inqis li huwa utli li nagħmel ftit rimarki preliminari rigward id-Direttiva 2011/95 u l-portata ġeografika tal-operazzjoni tal-UNRWA, rispettivament.

#### *1. Direttiva 2011/95*

26. Id-Direttiva 2011/95 ġiet adottata fit-13 ta' Diċembru 2011. Hija fformulat mill-ġdid u ħassret id-Direttiva 2004/83. Għalkemm saru bidliet f'partijiet oħra tad-direttiva, l-Artikolu 12(1)(a) ta' dawn iż-żewġ direttivi huwa essenzjalment identiku; saru biss bidliet ortografiċi. Il-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2004/83 għandha għalhekk tapplika bl-istess mod għall-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95.

27. L-Artikolu 12(1)(a) fih żewġ partijiet. L-ewwel parti teskludi persuna li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1, taqsima D, tal-Konvenzjoni milli "tkun refuġjat" fis-sens tad-direttiva. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1, Taqsima D, jeskludi persuni li "attwalment igawdu minn" protezzjoni jew assistenza mill-UNRWA [9] mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Genève (il-klawżola ta' esklużjoni). It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1, taqsima D, jipprevedi li "meta din il-protezzjoni jew assistenza tieqaf għal kwalunkwe raġuni" mingħajr ma l-pożizzjoni ta' dawn il-persuni tkun ġiet deċiża definittivament, konformement mar-riżoluzzjonijiet relatati adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, dawn il-persuni għandhom jibbenefikaw *ipso facto* mid-drittijiet kollha li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Genève. Huwa ċar li l-pożizzjoni tar-refuġjati tal-Palestina rreġistrati mal-UNRWA għadha ma ġietx deċiża [10]. Il-verżjoni bil-lingwa Ingliża tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95 tirrepeti *ad verbatim* it-tieni subparagrafu tat-Taqsima D tal-Artikolu 1, hi u biss tissostitwixxi l-kelma "Konvenzjoni" b'"Direttiva" [11]. Isegwi loġikament, u hija wkoll ġurisprudenza stabbilita, li l-inklużjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva tidħol fis-seħħ biss jekk tapplika l-klawżola ta' esklużjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) [12].

28. Filwaqt li l-Konvenzjoni ta' Genève tkopri biss "refuġjati", id-Direttiva 2011/95 u d-Direttiva 2004/83 ikopru wkoll "protezzjoni sussidjarja". Għal din ir-raġuni, filwaqt li l-klawżola ta' esklużjoni taħt l-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni ta' Genève tkopri l-konvenzjoni kollha, l-esklużjoni taħt l-Artikolu 12(1)(a) taż-żewġ direttivi tirrigwarda biss l-istatus bħala "refuġjat". B'hekk, persuna tista' tkun eskluża milli tkun refuġjat taħt dik id-dispożizzjoni tad-Direttiva 2011/95, u tibqa' tkun intitolata għal protezzjoni sussidjarja.

29. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat repetutament fir-rigward tad-Direttiva 2011/95 li jirriżulta mill-premessi 4, 23 u 24 ta' dik id-direttiva li l-Konvenzjoni ta' Genève tikkostitwixxi l-pedament tar-reġim legali internazzjonali għall-protezzjoni tar-refuġjati u li d-dispożizzjonijiet ta' dik id-direttiva sabiex jiġi ddeterminat min jikkwalifika għal status ta' refuġjat u l-kontenut tagħhom ġew adottati sabiex iservu ta' gwida għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' dik

9 L-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni ta' Genève u l-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95 jirreferu għal "protezzjoni jew l-għajnuna minn organi jew aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti apparti l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati". Fil-prattika, hija biss l-UNRWA li hija koperta minn din l-espressjoni.

10 Ara, pereżempju, ir-riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-13 ta' Diċembru 2019, A/RES/74/85.

11 Il-verżjoni bil-lingwa Franċiża tal-Artikolu 12(1)(a) hija differenti mill-verżjoni Franċiża tad-dispożizzjoni korrispondenti tal-Konvenzjoni ta' Genève; madankollu, tagħmel dan biss fil-kliem tagħha, mhux fil-kontenut tagħha, u d-differenzi jidhru li jallinjaw iktar mill-qrib il-verżjoni Franċiża u dik Ingliża tad-direttiva.

12 Sentenza tas-17 ta' Ġunju 2010, Bolbol (C-31/09, EU:C:2010:351, punti 55 u 56).

il-konvenzjoni skont kunċetti u kriterji komuni[13], u li d-dispożizzjonijiet ta' dik id-direttiva, bħal dawk tad-Direttiva 2004/83, konsegwentement għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-għan tagħha, billi jiġu osservati l-Konvenzjoni ta' Genève u t-trattati l-oħra rilevanti msemmija fl-Artikolu 78(1) TFUE[14]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li dawk id-dispożizzjonijiet, kif jirriżulta mill-premessa l10 tad-Direttiva 2004/83, għandhom jiġu interpretati b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta[15].

*2. Il-firxa ġeografika tal-operazzjon tal-UNRWA*

30. L-UNRWA topera fi *ħdan settur ta' operazzjoni* li jinkludi ħames *żoni ta' operazzjoni*, jiġifieri x-Xatt tal-Punent, l-Istrixxa ta' Gaża, il-Ġordan, il-Libanu u s-Sirja[16], fejn tipprovdi protezzjoni u/jew assistenza lir-refuġjati tal-Palestina u ċerti kategoriji oħra[17] ta' benefiċjarji bħalma huma "l-Foqra ta' Ġerusalemm u l-Foqra ta' Gaża" u persuni mhux irreġistrati spustjati bħala konsegwenza tal-ostilitajiet tal-1967 u dawk sussegwenti[18]. Mid-deskrizzjoni tal-fatti tal-kawża fid-digriet tar-rinviju jidher li XT huwa "refuġjat tal-Palestina". Iż-żewġ żoni ta' operazzjoni li fihom irrisjeda XT jinsabu fi ħdan żewġ stati sovrani, is-Sirja u l-Libanu. Madankollu, dawn huma t-tnejn parti mis-"settur ta' operazzjoni" tal-UNRWA.

31. L-UNRWA ma tikkontrollax it-territorji taż-żoni ta' operazzjoni tagħha u ma hijiex f'pożizzjoni li tagħti jew tiċħad aċċess lil refuġjat tal-Palestina għal territorju fejn tinsab żona speċifika ta' operazzjoni. Għaldaqstant, aċċess attwali jista' (u ta' spiss) ikun dipendenti fuq il-politika li titbiddel tal-poteri ta' gvern jew kważi gvern li jkollhom il-kontroll tat-territorju rilevanti f'ċertu perijodu ta' żmien.

13 Ara s-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2018, Ahmed (C-369/17, EU:C:2018:713, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tal-14 ta' Mejju 2019, M *et* (Revoka tal-istatus ta' refuġjat) (C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403, punt 81) u, fl-istess sens, fir-rigward tal-premessi 3, 16 u 17 tad-Direttiva 2004/83, is-sentenzi tas-17 ta' Ġunju 2010, Bolbol (C-31/09 EU:C:2010:351, punt 37); tad-19 ta' Diċembru 2012, Abed El Karem El Kott *et* (C-364/11, EU:C:2012:826, punt 42); u tal-31 ta' Jannar 2017, Lounani (C-573/14, EU:C:2017:71, punt 41).

14 Sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2012, Abed El Karem El Kott *et* (C-364/11, EU:C:2012:826, punt 43), u tat-13 ta' Settembru 2018, Ahmed (C-369/17, EU:C:2018:713, punti 40 u 41).

15 Sentenzi tat-2 ta' Marzu 2010, Salahadin Abdulla *et* (C-175/08, C-176/08, C-178/08 u C-179/08, EU:C:2010:105, punti 52 sa 54); tad-19 ta' Diċembru 2012, Abed El Karem El Kott *et* (C-364/11, EU:C:2012:826, punt 43), u tat-2 ta' Diċembru 2014, A *et* (C-148/13 sa C-150/13, EU:C:2014:2406, punti 45 u 46);

16 Din it-terminoloġija tinsab fir-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU rigward l-UNRWA kif ukoll f'dokumenti tal-UNRWA li jiddeskrivu l-aġenzija u l-attivitajiet tagħha. Ara pereżempju, id-disa' premessa tar-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali A/RES/69/88 tal-5 ta' Diċembru 2014 u l-ħamsa u għoxrin premessa tar-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali A/RES/72/82, tas-7 ta' Diċembru 2017, li jirreferu għaż-"żoni kollha ta' operazzjoni, jiġifieri l-Ġordan, ir-Repubblika Għarbija Sirjana u t-territorju Palestinjan Okkupat". Ara wkoll il-ħmistax-il premessa tar-Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali fid-9 ta' Diċembru 2015 – Operazzjoni tal-[UNRWA] għar-Refuġjati tal-Palestinja fil-Lvant Qarib, A/RES/70/85. Ġiet ukoll użata espliċitament mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha tas-17 ta' Ġunju 2010, Bolbol (C-31/09, EU:C:2010:351, punt 7); tad-19 ta' Diċembru 2012, Abed El Karem El Kott *et* (C-364/11, EU:C:2012:826, punt 7); u tal-25 ta' Lulju 2018, Alheto (C-585/16, EU:C:2018:584, punt 7).

17 Jiena konxju li l-kwistjonijiet dwar jekk l-UNRWA fil-fatt tipprovdix "protezzjoni" u jekk l-aġenzija għandhiex "mandat ta' protezzjoni" huma suġġetti għal diskussjoni. L-Avukat Ġenerali Sharpston fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża El Kott esprimiet il-fehma li l-UNRWA "ma twaqqafx biex jipprovdi, u lanqas ma qatt ipprovda, il-'protezzjoni', lir-refuġjati Palestinjani", u b'hekk ħadet fehma stretta dwar it-tifsira tal-kelma 'protezzjoni' f'dan il-kuntest (ara l-punt 66 u noti ta' qiegħ il-paġna 6 u 30 ta' dawk il-konklużjonijiet), u b'hekk iffokat fuq l-assenza ta' forza tal-pulizija jew forzi ta' sigurtà oħrajn taħt il-kontroll tal-aġenzija. L-UNRWA nnifisha ħadet fehma differenti, kif espressa, fost l-oħrajn, fil-pubblikazzjoni tagħha "Protecting Palestine refugees" ("Protezzjoni tar-refuġjati tal-Palestina"). F'din il-pubblikazzjoni l-aġenzija tasserixxi li l-"mandat ta' protezzjoni" tagħha ġie rrikonoxxut mill-Assemblea Ġenerali tan-NU bir-rikonoxximent tagħha tax-"xogħol siewi mwettaq mill-Aġenzija sabiex tipprovdi *protezzjoni* lill-poplu Palestinjan, b'mod partikolari r-refuġjati tal-Palestina" li tinsab fir-Riżoluzzjoni A/RES/69/88 tal-Assemblea Ġenerali tal-5 ta' Diċembru 2014. (L-istess lingwaġġ jinsab fir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali A/RES/72/82 tas-7 ta' Diċembru 2017.) Dawk ir-riżoluzzjonijiet ifaħħru wkoll lill-Aġenzija għall-isforzi straordinarji tagħha "sabiex tipprovdi kenn, [...] *protezzjoni* u assistenza umanitarja oħra" matul l-operazzjonijiet militari ta' Lulju u Awwissu 2014", u fihom espressjonijiet ta' "tifħir speċjali" għall-Aġenzija għar-"rwol essenzjali li wettqet għal iktar minn [60/65] sena billi tipprovdi servizzi essenzjali għall-[...]*protezzjoni* tar-refuġjati Palestinjani [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ir-riżoluzzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet ma hijiex seminali għall-finijiet li tingħata risposta għad-domandi riferuti f'din il-kawża.

18 Ara CERI, punti I u III. "Refuġjati tal-Palestina" huma ddefiniti fiċ-CERI bħala "persuni li l-post ta' residenza normali tagħhom kien il-Palestina matul il-perijodu 1 ta' Ġunju 1946 sa 15 ta' Mejju 1948, u li tilfu kemm darhom kif ukoll il-mezz ta' għajxien tagħhom bħala riżultat tal-kunflitt tal-1948" kif ukoll id-dixxendenti ta' tali refuġjati tal-Palestina rġiel. Reġistrazzjoni bħala refuġjat għadha miftuħa mal-UNRWA għall-membri ta' din il-kategorija (ara CERI, punt III.A.1). F'dawn il-konklużjonijiet, l-espressjoni "refuġjati Palestinjani" – meta mhux parti minn kwotazzjoni – hija użata sabiex tindika kategorija usa' ta' refuġjati ta' dixxendenza Palestinjana.

### *B. Fuq l-ewwel u t-tieni domanda*

32. Permezz tal-ewwel u t-tieni domanda li ser nindirizza flimkien, il-qorti tar-rinviju sostanzjalment tfittex gwida dwar iż-żona ġeografika li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni meta jiġi evalwat jekk l-assistenza u l-protezzjoni tal-UNRWA tkunx "waqfet" fir-rigward ta' persuna partikolari li qabel kienet għamlet użu minn tali assistenza jew protezzjoni. Dawn id-domandi jirrigwardaw speċifikament il-"klawżola ta' inklużjoni" tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95 u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni ta' Genève[19]. Id-digriet tar-rinviju huwa bbażat fuq il-premessa li l-klawżola ta' esklużjoni fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1D hija applikabbli għall-fatti tal-każ fil-kawża prinċipali. Għall-finijiet tal-analiżi tiegħi, assumejt li dan huwa l-każ.

#### *1. Sunt tal-argumenti tal-partijiet*

33. Il-partijiet li ssottomettew osservazzjonijiet bil-miktub – il-Kummissjoni, il-Belġju, il-Ġermanja u l-Uffiċċju Federali għall-Migrazzjoni u r-Refuġjati – kollha jaqblu li meta jiġi evalwat jekk, għall-finijiet tal-Artikolu 12(1)(a), il-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA waqfitx fir-rigward ta' persuna, ma hijiex biss iż-żona ta' operazzjoni tal-aħħar residenza li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni. Il-Kummissjoni esprimiet il-fehma – li ġeneralment naqbel magħha – li ż-żoni ta' operazzjoni tal-UNRWA li l-persuna kkonċernata setgħet fil-fatt taċċessa[20] meta telqet miż-żona ta' operazzjoni tal-UNRWA għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, kif ukoll iż-żoni ta' operazzjoni li għalihom il-persuna kkonċernata seta' kellha aċċess fiż-żmien li ttieħdet deċiżjoni (inkluża deċiżjoni ġudizzjarja) fuq l-applikazzjoni għal status ta' refuġjat.

34. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja esprimiet il-fehma li żoni oħra ta' operazzjoni li magħhom il-persuna kkonċernata għandha konnessjonijiet sostanzjali għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni b'żieda maż-żona ta' operazzjoni tal-aħħar residenza attwali tiegħu jew tagħha. Dawk iż-żoni ta' operazzjoni l-oħra jistgħu jkunu żoni ta' operazzjoni fejn l-applikant kellu jew kellha l-aħħar residenza abitwali, jew fejn kellu jew kellha membri tal-familja mill-qrib. Il-Belġju esprima l-fehma li ż-żoni ta' operazzjoni kollha tal-UNRWA għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni meta qiegħed jiġi ddeterminat jekk Palestinjan mingħajr Stat kienx għadu qiegħed igawdi assistenza mill-UNRWA meta telaq mis-settur ta' operazzjoni tal-UNRWA, u huwa l-applikant li għandu juri li kien impossibbli għalih li jivvjaġġa għal żona ta' operazzjoni oħra tal-UNRWA u jirċievi protezzjoni jew assistenza minn hemmhekk.

35. Franza ma ssottomettietx osservazzjonijiet bil-miktub, iżda talbet li tinżamm seduta li matulha hija esprimiet il-fehma li hija biss iż-żona ta' operazzjoni fejn l-applikant kellu "r-residenza abitwali" tiegħu jew tagħha qabel ma ssottometta l-applikazzjoni tiegħu għal status ta' refuġjat li hija rilevanti għad-determinazzjoni ta' jekk il-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA waqfitx jew kinitx waqfet.

19 Għall-faċilità tar-riferiment, ser nirreferi għall-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95 bħala "l-Artikolu 12(1)(a)" u t-Taqsima D tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Genève bħala "l-Artikolu 1D".

20 Fil-verżjoni Franċiża tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni l-espressjoni "auraient effectivement pu avoir accès" hija użata għaż-żoni ta' operazzjoni li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fiż-żmien li l-applikant telaq mis-settur ta' operazzjoni tal-UNRWA; fil-verżjoni Ġermaniża hija użata "tatsächlich Zugang hätte haben können".

*2. Analiżi tal-ewwel u t-tieni domanda*

36. Għandu l-ewwel jiġi nnotat li la l-Artikolu 12(1)(a) u lanqas l-Artikolu 1D ma jirreferu għar-"residenza" tal-persuna kkonċernata. Dak li huwa importanti għall-finijiet tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(D) huwa jekk il-persuna qegħdiex tirċievi assistenza jew protezzjoni mill-aġenzija rilevanti, u, għat-tieni paragrafu jew sentenza ta' dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet, jekk din il-protezzjoni jew assistenza kinitx "waqfet"[21].

37. It-tieni, hija ġurisprudenza stabbilita li l-evalwazzjoni ta' jekk persuna hijiex koperta mill-Artikolu 12(1)(a), l-ewwel u/jew it-tieni sentenza, għandha titwettaq fuq bażi individwali, u mhux billi wieħed jiġġudika r-refuġjati tal-Palestina jew ir-refuġjati Palestinjani inġenerali bħala grupp[22]. Għaldaqstant, ma naqsamx it-tħassib espress minn uħud mill-partijiet li meta wieħed jieħu inkunsiderazzjoni ż-żona kollha ta' operazzjoni tal-UNRWA meta jiġi evalwat jekk il-protezzjoni jew assistenza ta' dik l-aġenzija waqfitx ikun qiegħed jirrestrinġi bla bżonn il-portata tal-klawżola ta' inklużjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a)[23]. Evalwazzjoni bħal din għandha titwettaq fuq bażi individwali, fis-sens li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biss tali protezzjoni jew assistenza f'żoni ta' operazzjoni oħra li kienu jew attwalment huma aċċessibbli għall-applikant.

38. Id-diversi elementi ta' konnessjoni li wħud mill-partijiet qajmu jidhru li b'mod ġenerali jagħmluha iktar probabbli li applikant partikolari fil-fatt ikollu aċċess għaż-żona ta' operazzjoni rilevanti u b'hekk għall-protezzjoni u l-assistenza li l-UNRWA tkun qiegħda tagħti hemmhekk. Dan huwa b'mod ċar il-każ f'wieħed mill-eżempji mogħtijin mill-Uffiċċju Federali għall-Migrazzjoni u r-Refuġjati. Jekk applikant ikollu jew ikollha drittijiet formali li jibqa' jew tibqa' f'żona ta' operazzjoni oħra fejn l-UNRWA tkun qiegħda tipprovdi l-assistenza tagħha, u jkun possibbli għalih li jivvjaġġa hemmhekk, mela, ovvjament, ikollu jew ikollha aċċess effettiv għal dik l-assistenza u fil-fehma tiegħi l-klawżola ta' inklużjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) ma għandhiex tapplika.

39. Jekk relazzjonijiet tal-familja, ir-residenza abitwali preċedenti jew rabtiet sostanzjali oħra jew konnessjonijiet ma' ċerta żona ta' operazzjoni fil-fatt jagħmluhiex possibbli għal applikant individwali li jaċċessa assistenza tal-UNRWA f'dik iż-żona ta' operazzjoni hija kwistjoni fattwali li għandha, fil-fehma tiegħi, tiġi ddeterminata każ b'każ billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatti kollha rilevanti, inklużi ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant[24]. Jekk l-applikant inkwistjoni, iġġudikat fuq bażi individwali, fiż-żmien li telaq mis-settur ta' operazzjoni tal-UNRWA, fil-fatt kellu aċċess għall-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA, jew fil-fatt ikollu dan l-aċċess fiż-żmien meta tiġi adottata deċiżjoni (inkluża deċiżjoni ġudizzjarja) rigward l-applikazzjoni tiegħu, ma jistax jiġi kkunsidrat li huwa kopert mill-klawżola ta' inklużjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a), indipendentement min-natura tar-rabtiet maż-żona ta' operazzjoni, jekk hemm, li għamlu l-aċċess possibbli. F'dan il-każ, fejn l-UNRWA tkompli tagħti protezzjoni jew assistenza f'waħda jew iktar miż-żoni ta' operazzjoni li huma aċċessibbli għall-applikant, ma jistax jingħad li protezzjoni jew assistenza mill-UNRWA "waqfu". Pjuttost, jista' jingħad li l-applikant irrinunzja għal tali protezzjoni jew assistenza meta telaq miż-żona ta' operazzjoni li preċedentement kellu jew kellha aċċess għaliha.

21 Dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva 2011/95 kif ukoll tal-Konvenzjoni ta' Genève fihom riferimenti għal "residenza abitwali" ta' persuna mingħajr Stat – pereżempju, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1D, *in fine*, tal-Konvenzjoni ta' Genève, rigward il-kwalifika ta' persuna mingħajr Stat bħala "refuġjat" għall-finijiet tal-Konvenzjoni, jew l-Artikolu 2(d), *in fine*, tad-Direttiva 2011/95, li jirrifletti dik id-dispożizzjoni tal-Konvenzjoni ta' Genève. Madankollu, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni ta' Genève jeskludi speċifikament il-persuni koperti mill-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Genève u għalhekk mill-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

22 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2010, Bolbol (C-31/09, EU:C:2010:351, punti 41, 46 sa 49, 53 u d-dispożittiv); ara wkoll id-diskussjoni fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston f'dik il-kawża, punt 44.

23 Ara s-sottomissjonijiet tal-Bundesamt für Migration und Flüchtlinge, punt 25, u tal-Bundesrepublik Deutschland, punt 27.

24 Dawk iċ-ċirkustanzi personali jistgħu, fost fatturi oħra, jinkludu restrizzjonijiet relatati mas-saħħa li jirriżultaw mill-Karta.

40. Dan il-qari tal-Artikolu 12(1)(a) huwa kkonfermat mis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Bolbol, El Kott u Alheto. F'kull waħda minn dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja espliċitament irreferiet għas-settur ta' operazzjoni tal-UNRWA bħala li jkopri l-Istrixxa ta' Gaża, ix-Xatt tal-Punent, il-Libanu u s-Sirja, u, sal-limitu rilevanti, ittrattat dan is-settur bħala unità waħda[25]. Fil-kawża Alheto, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ukoll, fil-kuntest ta' domanda li tappartjeni għall-Artikolu 35 tad-Direttiva 2013/32/UE[26], li persuna li tgawdi minn "protezzjoni jew minn assistenza effettiva tal-UNRWA" f'żona oħra ta' operazzjoni minn dak fejn kellu jew kellha r-residenza abitwali tiegħu jew tagħha qabel ma titlaq miż-żona ta' operazzjoni tal-UNRWA, u li b'hekk setgħet tibqa' hemm fus-sigurtà taħt kondizzjonijiet ta' għajxien dinjitużi mingħajr ir-riskju li tintabagħat lura fit-territorju tar-residenza abitwali "għandha, […] tiġi eskluża mill-istatus ta' refuġjat fl-Unjoni, konformement mal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95"[27].

41. L-UNHCR matul is-snin ħarġet diversi linji gwida, noti u dikjarazzjonijiet oħra rigward l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1D u, xi drabi, l-Artikolu 12(1)(a). Dawk id-dikjarazzjonijiet huma liġi mhux vinkolanti u għalhekk għandhom ċerta forza persważiva, iżda ma humiex vinkolanti[28].

42. Għalkemm l-Artikolu 1D baqa' ma tbiddilx, il-fehmiet espressi mill-UNHCR fuq il-kwistjoni varjaw sostanzjalment matul iż-żmien. B'hekk, l-UNHCR b'dikjarazzjoni minn dawn[29] esprimiet il-fehma li refuġjat tal-Palestina li kien telaq mis-settur ta' operazzjoni tal-UNRWA għal kwalunkwe raġuni *ipso facto* jkun intitolat għall-benefiċċji tal-Konvenzjoni ta' Genève u ta' rikonoxximent bħala refuġjat skont id-Direttiva 2004/83 sakemm huwa jew hija tirritorna f'dik iż-żona (ara l-punti 2.2. u 2.3. ta' dik id-dikjarazzjoni – ninnota li skont dak il-qari, il-ħames domandi preliminari kollha kienu jkunu dibattibbli), filwaqt li f'waħda mil-linji gwida tagħha ħadet il-pożizzjoni[30] li l-klawżola ta' inklużjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1D tapplika fejn waħda jew iktar "raġunijiet oġġettivi" għat-tluq mis-settur ta' operazzjoni tal-UNRWA jew il-prevenzjoni li persuna tipprevalixxi ruħha (mill-ġdid) mill-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA rriżultaw f'li dik il-protezzjoni jew assistenza waqfet għall-persuna inkwistjoni (punti 19 u 22 ta' dawk il-linji gwida).

43. Fil-linji gwida hawn fuq imsemmija, l-UNHCR tkompli tesprimi l-fehma li l-evalwazzjoni dwar jekk refuġjat Palestinjan ikunx kapaċi jaċċessa l-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA għandha ssir kontra "settur ta' operazzjoni tal-UNRWA wieħed" u mhux kontra "kull settur ta' operazzjoni tal-UNRWA"[31]. L-UNHCR tiddikjara li din ir-rakkomandazzjoni hija kkonfermata fil-lingwaġġ tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża El Kott u l-użu mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-forma singulari ta' "żona ta' operazzjoni" f'dik is-sentenza[32].

44. Jiena ma nsibx ir-rakkomandazzjoni tal-UNHCR persważiva, u nemmen li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża El Kott[33] ma tikkonfermahiex. F'dan ir-rigward, għandi nindika l-ewwel nett li l-UNHCR f'dik il-parti tal-linji gwida titbiegħed mhux biss mit-terminoloġija użata b'mod uniformi mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fir-riżoluzzjonijiet tagħha dwar l-UNRWA, mill-UNRWA nnifisha

25 Ara s-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2012, Abed El Karem El Kott *et* (C-364/11, EU:C:2012:826, punt 36, li jirreferi għall-persuni konċernati li "ġew imġiegħla jħallu ż-żona tal-operat tal-UNRWA"; punt 44, li jirreferi għal Bolbol: "il-parti kkonċernata ma rrikorietx għall-assistenza tal-UNRWA qabel ma ħalliet iż-żona tal-operat tagħha"; punt 45, "sitwazzjoni ta' persuna li tħalli ż-żona ta' operat ta' dan il-organu jew ta' din l-istituzzjoni"; u, b'mod iktar, tal-25 ta' Lulju 2018, Alheto (C-585/16, EU:C:2018:584, punti 131 sa 143, li fil-punt 133 jirreferi għall-Ġordan bħala "parti miż-żona ta' operazzjoni tal-UNRWA").

26 Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60). L-Artikolu 24 ta' din id-direttiva tirrigwarda l-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' ażil.

27 Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, *Alheto* (C-585/16, EU:C:2018:584, punt 134).

28 Il-premessa 22 tad-Direttiva 2011/95 tiddikjara li "Konsultazzjonijiet mal-[UNHCR] jistgħu jipprovdu gwida ta' valur għall-Istati Membri meta jistabbilixxu status ta' refuġjat skont l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra".

29 Ara UNHCR, Dikjarazzjoni Riveduta dwar l-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni tal-1951, bid-data Ottubru 2009.

30 Ara l-Linji Gwida dwar Protezzjoni Internazzjonali Nru 13: Applikabbiltà tal-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus ta' Refuġjati għar-Refuġjati Palestinjani, bid-data Diċembru 2017, HCR/GIP/17/13.

31 Linji Gwida dwar Protezzjoni Internazzjonali Nru 13: Applikabbiltà tal-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus ta' Refuġjati għar-Refuġjati Palestinjani, bid-data Diċembru 2017, punt 22(k).

32 *Idem*, nota ta' qiegħ il-paġna52.

33 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Abed El Karem El Kott *et* (C-364/11, EU:C:2012:826).

fid-deskrizzjonijiet tax-xogħol tagħha u mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha inkluża El Kott[34], iżda wkoll mit-terminoloġija użata qabel mill-UNHCR innifisha fid-Dikjarazzjoni Riveduta tagħha dwar l-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni tal-1951[35] u n-Nota Riveduta tagħha dwar l-Applikabbiltà tal-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni tal-1951 relatata mal-Istatus ta' Refuġjati għar-Refuġjati Palestinjani[36], fejn it-terminu "settur ta' operazzjoni tal-UNRWA" intuża sabiex jindika ż-żona kollha li fiha l-UNRWA kienet qed tipprovdi protezzjoni jew assistenza.

45. Fl-iktar dikjarazzjoni reċenti tagħha dwar il-kwistjoni, maħruġa fil-kuntest tal-kawża preżenti għall-Qorti tal-Ġustizzja[37], l-UNHCR ma tirreferix għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'El Kott bħala konferma tal-fehmiet tagħha. L-UNHCR f'dik id-dikjarazzjoni tmur lura għat-terminoloġija użata komunement, billi tapplika l-espressjoni "settur ta' operazzjoni tal-UNRWA" sabiex tinkludi l-ħames żoni kollha ta' operazzjoni tal-UNRWA.[38] Hija tesprimi l-fehma li l-evalwazzjoni dwar jekk il-protezzjoni jew l-assistenza waqfux "għandha [...] ssir kontra iktar minn żona waħda li fiha l-persuna kienet tirrisjedi qabel"[39]. Jekk il-persuna inkwistjoni "qabel kienet residenti f'iktar minn żona waħda ta' operazzjoni tal-UNRWA", l-UNHCR issa hija tal-fehma li "l-evalwazzjoni dwar jekk 'protezzjoni jew assistenza waqfitx għal kwalunkwe raġuni' tista' ssir kontra iktar minn żona waħda fejn il-persuna kienet residenti qabel." Bħala konferma għall-fehmiet tagħha, l-UNHCR tiċċita l-Linji Gwida tagħha stess dwar il-Protezzjoni Internazzjonali Nru 13[40], imsemmija iktar 'il fuq fil-punti 43 u 44, mingħajr ma tiċċara d-diskrepanzi bejn id-dikjarazzjoni u dawk il-linji gwida, li ma jidhrux li ġew irtirati. Ma nsibx l-istqarrija iktar konvinċenti mil-linji gwida.

46. Għaldaqstant nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti r-risposta li ġejja għall-ewwel u t-tieni domanda rrinvijati:

Meta jevalwaw għall-finijiet tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95, jekk il-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA tkunx "waqfet" fir-rigward ta' persuna partikolari li preċedentement għamlet użu minn tali protezzjoni jew assistenza, il-qrati nazzjonali jew l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni dawk iż-żoni ta' operazzjoni tal-UNRWA kollha li fihom l-applikant fil-fatt kellu aċċess jew kellha protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA.

Meta tagħmel din id-determinazzjoni, il-qorti nazzjonali jew l-awtorità amministrattiva għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatti kollha rilevanti, inklużi ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant u l-kapaċità tiegħu jew tagħha li jaċċessa jew taċċessa dawk iż-żoni ta' operazzjoni.

34 Ara s-sentenzi tas-17 ta' Ġunju 2010, Bolbol (C-31/09, EU:C:2010:351, punt 7); tad-19 ta' Diċembru 2012, Abed El Karem El Kott *et* (C-364/11, EU:C:2012:826, punt 7); u tal-25 ta' Lulju 2018, Alheto (C-585/16, EU:C:2018:584, punt 7).

35 Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR), *Revised Statement on Article 1D of the 1951 Convention in relation to Bolbol v. Bevándorlási és Állampolgársági Hivatal pending before the Court of Justice of the European Union* (Dikjarazzjoni Riveduta tal-UNHCR dwar l-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni tal-1951 fir-rigward ta' Bolbol vs Bevándorlási és Állampolgársági Hivatal pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea), Ottubru 2009, disponibbli fuq: https://www.refworld.org/docid/4add79a82.html.

36 Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR), *Revised Note on the Applicability of Article 1D of the 1951 Convention relating to the Status of Refugees to Palestinian Refugees* (Nota Riveduta tal-UNHCR dwar l-Applikabbiltà tal-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati għar-Refuġjati Palestinjani), bid-data Ottubru 2009. Ara b'mod partikolari n-nota ta' qiegħ il-paġna 14.

37 Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR), *Statement on the Interpretation and Application of Article 1D of the 1951 Convention and Article 12(1)(a) of the EU Qualification Directive Issued in the context of the preliminary ruling reference to the Court of Justice of the European Union from the Bundesverwaltungsgericht (Germany) lodged on 3 July 2019 – Federal Republic of Germany v XT (C-507/19)* (Dikjarazzjoni dwar l-Interpretazzjoni u l-Applikazzjoni tal-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni tal-1951 u l-Artikolu 12(1) (a) tad-Direttiva ta' Kwalifika tal-UE Maħruġa fil-kuntest tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) ippreżentata fit-3 ta' Lulju 2019 - Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja v XT (C-507/19)), 18 ta' Awwissu 2020, disponibbli fuq: https://www.refworld.org/docid/5f3bdd234.html.

38 *Idem*, nota ta' qiegħ il-paġna 3.

39 *Idem*, punt 23.

40 Linji Gwida dwar il-Protezzjoni Internazzjonali Nru 13: Applikabbiltà tal-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati għar-Refuġjati Palestinjani, Diċembru 2017, HCR/GIP/17/13.

## *C. Ir-raba' domanda*

47. Permezz tar-raba' domanda tagħha, li ser nindirizza insegwitu, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tfittex gwida dwar iż-żona ġeografika li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni meta jiġi deċiż jekk il-kundizzjonijiet sabiex jingħata l-istatus ta' refuġjat *ipso facto* waqgħux peress li l-punt fiż-żmien meta l-applikant telaq mis-settur ta' operazzjoni tal-UNRWA, u b'mod iktar speċifiku jekk iż-żona li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni tirriflettix ir-risposta mogħtija għad-domandi 1 u 2. Id-domanda hija bbażata fuq il-premessa li l-klawżola ta' inklużjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) kienet tapplika għall-applikant fiż-żmien li fih telaq mis-settur ta' operazzjoni tal-UNRWA, iżda ma għadhiex tapplika iktar fi żmien meta l-awtoritajiet kompetenti amministrattivi jew ġudizzjarji nazzjonali jkunu qegħdin jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni, jiġifieri li l-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA kienu waqfu fir-rigward tal-applikant fiż-żmien tat-tluq tiegħu jew tagħha mis-settur ta' operazzjoni tal-UNRWA, iżda li ġew stabbiliti mill-ġdid hemm qabel l-aħħar deċiżjoni kienet ittieħdet fir-rigward tat-talba tiegħu jew tagħha għal rikonoxximent, *ipso facto*, bħala refuġjat.

### *1. Sunt tal-argumenti tal-partijiet*

48. Il-partijiet li ssottomettew osservazzjonijiet bil-miktub kollha jaqblu effettivament li r-risposta għar-raba' domanda għandha tirrifletti r-risposta mogħtija għat-tieni domanda, jiġifieri, li l-istess żona ġeografika għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet li jiġi ddeterminat jekk il-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA kinitx waqfet fiż-żmien tat-tluq tal-applikant mis-settur ta' operazzjoni tal-UNRWA u għall-finijiet li jiġi ddeterminat jekk il-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA ġewx stabbiliti mill-ġdid fiż-żmien tad-deċiżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali amministrattivi u ġudizzjarji dwar l-applikazzjoni għall-istatus ta' refuġjat [41].

49. Il-Gvern Franċiż fis-sottomissjonijiet orali tiegħu fis-seduta bħala konferma għall-pożizzjoni tiegħu dwar id-domandi 1, 2 u 4 li ż-żona ġeografika rilevanti għandha tkun iż-żona ta' operazzjoni li fiha l-applikant kellu residenza abitwali argumenta li l-Artikolu 2(d) u (n) tad-Direttiva 2011/95 juża dan il-kunċett sabiex jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li taħthom persuna mingħajr Stat għandha tikkwalifika bħala refuġjat, u l-Artikolu 11(1)(f) tad-direttiva juża l-istess kunċett għall-finijiet li jiddefinixxi ċ-ċirkustanzi li fihom persuna mingħajr Stat tieqaf tkun refuġjat.

### *2. Evalwazzjoni tar-raba' domanda*

50. L-ewwel nett għandi nindika li l-Artikolu 12(1)(a) jeskludi persuna milli "tkun refuġjat" u l-iskattaturi għall-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni ma humiex relatati ma' residenza kif diskuss fil-punt 36 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet. Il-fatt li l-Artikolu 2(d) u (n) jirreferi għal "residenza abitwali" huwa għalhekk mhux determinanti għar-risposti għad-domandi rrinvijati. It-tieni nett, ir-raba' (u t-tieni) domanda tirrigwarda sitwazzjoni differenti minn dik koperta mill-Artikolu 11(1)(f) tad-Direttiva 2011/95. Din l-aħħar dispożizzjoni tindirizza sitwazzjoni fejn persuna mingħajr Stat diġà tkun ingħatat status ta' refuġjat u ċ-ċirkustanzi relatati ma' li dik il-persuna ġiet irrikonoxxuta bħala refuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, u topera flimkien mal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2011/95, li tirrikjedi li l-Istati Membri "jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus ta' refuġjat" ta' persuna mingħajr Stat jekk "huwa jew hija tkun waqfet milli tkun refuġjat bi qbil mal-*Artikolu 11*" (enfasi miżjuda).

41 Sottomissjonijiet mill-Belġju, punti 21 sa 32 u 38 sa 41; sottomissjonijiet mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, punt 35; sottomissjonijiet mill-Uffiċċju Federali għall-Migrazzjoni u r-Refuġjati, punti 31 u 39; u sottomissjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea, punt 29.

51. Min-naħa l-oħra, ir-raba' domanda tikkonċerna jekk il-persuni rilevanti għandhomx jiġu rrikonoxxuti bħala refuġjat fl-ewwel lok, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a). Din id-dispożizzjoni – jekk iċ-ċirkustanzi hekk kienu jitolbu, u kellha ssir determinazzjoni sussegwenti dwar revoka – topera flimkien mal-Artikolu 14(3), li jirrikjedi li l-Istati Membri "jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus ta' refuġjat" ta' persuna mingħajr Stat "[jekk] hija kellha tkun jew hija eskluża milli tkun refuġjat bi qbil mal-*Artikolu 12*" (enfasi miżjuda). L-Artikolu 14(3) ma jsemmix ir-residenza, abitwali jew ta' xorta oħra.

52. Għaldaqstant nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti risposta għar-raba' domanda kif ġej:

Iż-żona li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk fiż-żmien meta ttieħdet deċiżjoni fuq applikazzjoni għal status ta' refuġjat *ipso facto* skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni kinux għadhom japplikaw tirrifletti ż-żona li ttieħdet inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni dwar jekk il-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA tkunx "waqfet" fir-rigward ta' persuna partikolari li preċedentement għamlet użu minn tali protezzjoni jew assistenza, kif deskritt fir-risposta għall-ewwel u t-tieni domanda.

## *D. It-tielet domanda*

53. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi għal kjarifika dwar jekk persuna mingħajr Stat tistax tinvoka riskji għas-sigurtà personali tagħha li hija volontarjament esponiet ruħha għalihom billi mxiet minn żona ta' operazzjoni tal-UNRWA sigura (jew relattivament sigura) għal waħda fejn is-sigurtà personali tiegħu jew tagħha hija f'riskju serju, u jekk huwa jew hija jistax jew tistax abbażi ta' dan ir-riskju inkors volontarjament jitlob jew titlob *ipso facto* li jkun jew tkun intitolat jew intitolata għall-benefiċċji tal-istatus ta' refuġjat skont id-Direttiva 2011/95.

54. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà għamlitha ċara fis-sentenza El Kott li tluq volontarju mis-settur ta' operazzjoni tal-UNRWA ma huwiex suffiċjenti sabiex iwaqqaf l-esklużjoni minn status ta' refuġjat stabbilita fl-Artikolu 1D[42]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li jekk persuna li fil-fatt għamlet użu mill-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA waqfet milli tirċeviha għal raġuni li ma hijiex fil-kontroll tiegħu jew tagħha u indipendenti mill-volontà tiegħu jew tagħha, mela tapplika l-klawżola ta' inklużjoni tal-Artikolu 12(1)(a) u l-persuna hija *ipso facto* intitolata għall-benefiċċji tad-direttiva bil-kundizzjoni li ma tapplika l-ebda waħda mill-klawżoli ta' esklużjoni l-oħra fl-Artikolu 12(1)(b), l-Artikolu 12(2) jew l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2011/95[43].

55. F'dan il-kuntest, persuna għandha titqies li ġiet sfurzata titlaq minn settur ta' operazzjoni tal-UNRWA jekk is-sigurtà personali ta' dik il-persuna kienet f'riskju serju u kien impossibbli għall-UNRWA li tiggarantixxi li l-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħha f'dik iż-żona jkunu proporzjonati mal-missjoni fdata lilha[44].

56. B'konformità ma' dan ir-raġunament, hija l-fehma tiegħi li tluq volontarju minn żona sigura (jew relattivament sigura) tal-UNRWA għal waħda fejn is-sigurtà personali tal-individwu kkonċernat hija f'riskju serju bl-istess mod ma jistax jiġi invokat sabiex jiġi sostnut li l-protezzjoni jew l-assistenza tal-UNRWA "waqfet" fir-rigward ta' dik il-persuna.

42 Ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Abed El Karem El Kott *et* (C-364/11, EU:C:2012:826, punti 49 sa 51 u 59).

43 *Idem*, punti 61, 64 u 65, u d-dispożittiv, punt 1.

44 *Idem*, punt 63.

57. B'mod partikolari, fejn ir-riskji għas-sigurtà personali tiegħu jew tagħha fiż-żona ta' operazzjoni li lejha kien jew kienet ivvjaġġa jew ivvjaġġat kienu magħrufa jew raġonevolment prevedibbli għall-persuna kkonċernata, u fejn ma seta' jkollu jew ikollha l-ebda aspettattiva raġonevoli li jirritorna jew tirritorna b'mod sigur lejn iż-żona ta' operazzjoni sigura (jew relattivament sigura) minn fejn kien telaq jew kienet telqet, jew lejn żona oħra ta' operazzjoni sigura tal-UNRWA, il-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA ma jistax jingħad li waqfet fir-rigward tagħha.

58. Inżid li din il-konklużjoni ma tħallix lill-persuna kkonċernata mingħajr protezzjoni. Tista' xorta waħda tkun kapaċi tikkwalifika għal protezzjoni sussidjarja, u l-prinċipju ta' non-refoulement xorta japplika skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/95, iżda ma għandhiex tkun kapaċi titlob status ta' refuġjat *ipso facto* abbażi ta' riskji inkorsi b'mod konxju u volontarju.

59. Għaldaqstant nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti r-risposta segwenti għat-tielet domanda preliminari:

Applikant għal status ta' refuġjat ma jistax jinvoka riskji għas-sigurtà personali tiegħu jew tagħha li volontarjament espona ruħu jew esponiet ruħha għalihom billi mexa jew imxiet minn żona ta' operazzjoni sigura tal-UNRWA (jew relattivament sigura) lejn waħda fejn is-sigurtà personali tiegħu hija f'riskju serju bil-għan li jitlob li jiġi *ipso facto* intitolat għall-benefiċċji tal-istatus ta' refuġjat skont id-Direttiva 2011/95.

### *E. Il-ħames domanda*

60. Il-qorti tar-rinviju għamlet il-ħames domanda preliminari biss fil-każ li r-residenza abitwali tal-applikant titqies rilevanti għar-risposta għat-tieni u r-raba' domanda. Fid-dawl tar-risposta proposta għall-ewwel erba' domandi, ma huwiex neċessarju għall-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti risposta għall-ħames domanda.

61. Il-Kummissjoni argumentat li l-post tar-residenza abitwali ma huwiex determinanti għat-tieni u r-raba' domanda, iżda madankollu l-ħames domanda teħtieġ risposta. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tindika li t-terminu "residenza abitwali" huwa użat fl-Artikolu 11(1)(f) tad-Direttiva 2011/95, li fejn xieraq huwa wkoll applikabbli għall-Palestinjani mingħajr Stat.

62. Skont id-digriet tar-rinviju, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal status ta' refuġjat ta' XT għadha ma hijiex finali, peress li l-każ għadu taħt appell. Il-kwistjoni ta' revoka sussegwenti tal-istatus ta' refuġjat għal XT ma tidhirx li hija parti mill-appell fuq punt ta' liġi (Reviżjoni) pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, u li dik il-qorti ma talbitx lill-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpreta l-Artikolu 11(1)(f) ta' dik id-direttiva. Kif deskritt fil-punt 50 tal-konklużjonijiet preżenti, revoka ipotetika futura tal-istatus ta' refuġjat għal XT abbażi tal-klawżola ta' esklużjoni fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tkun irregolata mill-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2011/95, li ma joperax flimkien mal-Artikolu 11(1)(f). Għalhekk l-opinjoni tiegħi hija li l-ħames domanda hija ta' natura ipotetika, sakemm il-kunċett ta' "residenza abitwali" tal-applikant huwa rilevanti għar-risposta għat-tieni u/jew ir-raba' domanda jew it-tnejn. Jien inqis (kif tqis ukoll il-Kummissjoni) li dan ma huwiex il-każ.

## IV. Konklużjoni

63. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti r-risposta segwenti għad-domandi preliminari magħmula mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Federali Amministrattiva, il-Ġermanja):

1. Meta jiġi evalwat għall-iskopijiet tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, jekk il-protezzjoni jew assistenza tal-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA) tkunx "waqfet" fir-rigward ta' persuna partikolari li preċedentement użat tali protezzjoni jew assistenza, il-qrati nazzjonali jew l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni dawk iż-żoni ta' operazzjoni tal-UNRWA kollha, fejn l-applikant kellu jew kellha fil-fatt aċċess għal protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA.

   Meta tagħmel din id-determinazzjoni, il-qorti nazzjonali jew l-awtorità amministrattiva għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatti kollha rilevanti, inklużi ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant u l-kapaċità tiegħu jew tagħha li fil-fatt jaċċessa jew taċċessa dawk iż-żoni ta' operazzjoni.

2. Iż-żona li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk fiż-żmien li ttieħdet id-deċiżjoni fuq applikazzjoni għal status ta' refuġjat *ipso facto* skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni kinux għadhom japplikaw tirrifletti ż-żona li ttieħdet inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni dwar jekk il-protezzjoni jew assistenza tal-UNRWA tkunx "waqfet" fir-rigward ta' persuna partikolari li preċedentement għamlet użu minn tali protezzjoni jew assistenza, kif deskritt fir-risposta għall-ewwel u t-tieni domanda.

3. Applikant għal status ta' refuġjat ma jistax jinvoka riskji għas-sigurtà personali tiegħu jew tagħha li volontarjament espona ruħu jew esponiet ruħha għalihom meta mexa jew imxiet minn żona ta' operazzjoni tal-UNRWA sigura (jew relattivament sigura) lejn waħda fejn is-sigurtà personali tiegħu jew tagħha hija f'riskju serju bl-għan li jitlob jew titlob li jiġi *ipso facto* intitolat għall-istatus ta' refuġjat skont id-Direttiva 2011/95.

4. Fid-dawl tar-risposta proposta għall-ewwel erba' mid-domandi magħmula, ma huwiex neċessarju għall-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti risposta għall-ħames domanda.